Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10027 — Lone Star/McCarthy & Stone)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 393/08)

1. Fit-12 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Lone Star Real Estate Fund VI, L.P (Bermuda), li tappartjeni għall-grupp Lone Star Funds (l-Istati Uniti tal-Amerka u Bermuda),

— McCarthy & Stone PLC (ir-Renju Unit).

Lone Star Real Estate Fund VI, L.P takkwista, fis-sens 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' McCarthy & Stone PLC.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-23 ta' Ottubru 2020.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Lone Star hija ditta ta' ekwità privata li tinvesti globalment fil-proprjetà immobbli, l-ekwità, il-kreditu u assi finanzjarji oħra;

— McCarthy & Stone PLC tiżviluppa u tiġġestixxi l-proprjetajiet tal-irtirar fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10027 — Lone Star/McCarthy & Stone

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 229-64301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.